KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 30 ta' Novembru 2005

14469/4/05
REV 4

LIMITE

JAI 423
ECOFIN 353
TRANS 234
RELEX 639
ECO 136
PESC 1010
COTER 72
COSDP 810
PROCIV 174
ENER 172
ATO 103

PUBLIC

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza u Koordinatur tas-CT |
| lil: | Kunsill/Kunsill Ewropew |
| Nru dok. preċ.: | 14469/4/05 REV 4 JAI 423 ECOFIN 353 TRANS 234 RELEX 639 ECO 136 PESC 1010 COTER 72 COSDP 810 PROCIV 174 ENER 172 ATO 103 |
| Suġġett: | L-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea għal Kontra t-Terroriżmu |

Dan id-dokument qed jiġi mgħoddi lill-Kunsill għal qbil u mbagħad se jkun trasmess lill-Kunsill Ewropew għal adozzjoni.

* * *

# L-ISTRATEĠIJA TA' L-UNJONI EWROPEA GĦAL KONTRA T-TERRORIŻMU

**PREVENZJONI PROTEZZJONI PERSEGWIMENT RISPONS**

***IMPENN STRATEĠIKU***

***Biex tiġġieled it-terroriżmu globalment, u tagħmel lill-Ewropa aktar sigura, biex tagħmilha possibbli għall-popli tagħha li jgħixu f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fi ħdan kwadru li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem***

--------------

## L-Istrateġija ta' l-UE għal Kontra t-Terroriżmu tkopri erba' linji ta' ħidma, li jikkonformaw ma' l-impenn strateġiku tagħha:

### IMPENN STRATEĠIKU

***Biex tiġġieled it-terroriżmu globalment, u tagħmel lill-Ewropa aktar sigura, u tħalli lill-popli tagħha jgħixu f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fi ħdan kwadru li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem***

#### PREVENZJONI

Biex tipprevieni lin-nies milli jagħżlu t-terroriżmu billi tittratta l-fatturi u l-kaġunijiet bażiċi li jistgħu iwasslu għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, fl-Ewropa u internazzjonalment

#### PROTEZZJONI

Biex tipproteġi liċ-ċittadini u l-infrastruttura u tnaqqas il-vulnerabbiltà tagħna għal attakk, inkluż permezz ta' sigurtà mtejba tal-fruntieri, trasport u infrastruttura kritika

#### PERSEGWIMENT

Biex issegwi u tinvestiga t-terroristi min-naħa għall-oħra tal-fruntieri u globalment; biex timpedixxi l-ippjanar; biex tisfratta *networks* ta' appoġġ; taqta' l-finanzjament u tressaq lit-terroristi għall-ġustizzja

#### RISPONS

Biex nippreparaw ruħna biex nimmaniġġaw u nimminimizzaw il-konsegwenzi ta' attakk terroristiku, billi ntejbu l-kapaċitajiet biex nittrattaw: il-konsegwenzi ta' wara; il-koordinazzjoni tar-rispons; u l-ħtiġiet tal-vittmi

**Biex titwettaq il-ħidma ta' taħt dawn l-erba' linji, u b'kont meħud għall-fatt li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-UE tista' żżid il-valur ta' l-objettivi tagħna b'erba' modi prinċipali:**

# L-UNJONI EWROPEA ŻŻID IL-VALUR BILLI

| SSAĦĦAĦ KAPAĊITAJIET NAZZJONALI | TIFFAĊILITA L-KOOPERAZZJONI EWROPEA | TIŻVILUPPA L-KAPAĊITÀ KOLLETTIVA | TIPPROMWOVI SĦUBIJA INTERNAZZJONALI |
|---|---|---|---|
| Billi tuża l-aħjar prattika, u taqsam l-għarfien u l-esperjenzi sabiex ittejjeb il-kapaċitajiet nazzjonali għall-prevenzjoni, il-protezzjoni minn, l-isfrattar u r-rispons għat-terroriżmu, inkluż permezz ta' ġbir u analiżi mtejba ta' informazzjoni u tagħrif sigriet | Billi taħdem flimkien biex taqsam informazzjoni b'mod sigur bejn l-Istati Membri U l-Istituzzjonijiet. Billi tistabbilixxi mekkaniżmi effettivi biex tiffaċilita l-kooperazzjoni inkluż bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji | Billi tiżgura l-kapaċità fuq livell ta' l-UE biex tifhem u tagħti risponsi kollettivi ta' politika lit-theddida terroristika, u tagħmel l-aħjar użu tal-kapaċità tal-korpi ta' l-UE inkluż Europol, Eurojust, Frontex u s-SitCen | Billi taħdem ma' oħrajn barra l-UE, b'mod partikolari organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u pajjiżi terzi ewlenin, biex tibni l-kapaċità biex għall-ġlieda kontra t-terroriżmu |

**KONTRIBUTI LI JAQTGĦU TRAVERSAMENT**

| PREVENZJONI | PROTEZZJONI | PERSEGWIMENT | RISPONS |
|---|---|---|---|

**L-UE għandha ssegwi l-għanijiet tagħha b'mod demokratiku u responsabbli. Ħarsa politika ġenerali ta' l-Istrateġija u segwitu regolari ser ikunu essenzjali:**

**KUNSILL EWROPEW: ĦARSA POLITIKA ĠENERALI**

**ID-DJALOGU POLITIKU FUQ LIVELL GĦOLI DWAR IL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU**
KUNSILL – PARLAMENT EWROPEW - KUMMISSJONI
Laqgħa ta' darba kull Presidenza biex tiġi żgurata governanza inter-stituzzjonali

**COREPER jimmonitorja l-progress fl-erba' linji ta' l-Istrateġija**
b'aġġornamenti regolari mill-Koordinatur ta' Kontra t-Terroriżmu u l-Kummissjoni

**PREVENZJONI** | **PROTEZZJONI** | **PERSEGWIMENT** | **RISPONS**

# L-ISTRATEĠIJA TA' L-UE GĦAL KONTRA T-TERRORIŻMU

## PREVENZJONI PROTEZZJONI PERSEGWIMENT RISPONS

**IMPENN STRATEĠIKU**

**Biex jiġi miġġieled it-terroriżmu globalment filwaqt li jkunu rispettati d-drittijiet tal-bniedem, u l-Ewropa ssir aktar sigura, biex ikun possibbli li ċ-ċittadini jgħixu f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja**

**INTRODUZZJONI**

1. It-terroriżmu huwa theddida għall-Istati kollha u l-popli kollha. Huwa joħloq theddida serja għas-sigurtà tagħna, għall-valuri tas-soċjetajiet demokratiċi tagħna u għad-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini tagħna, speċjalment għax jimmira b'mod indiskriminatorju lin-nies innoċenti. It-terroriżmu huwa kriminali u ma jistax jiġi ġustifikat taħt l-ebda ċirkostanza.

2. L-Unjoni Ewropea hija żona ta' ftuħ li dejjem jikber, fejn l-aspetti interni u esterni tas-sigurtà huma marbuta intimament. Hija żona ta' interdipendenza li dejjem tikber, li tippermetti ċ-ċaqliq liberu ta' nies, ideat, teknoloġija u riżorsi. Dan huwa ambjent li jiġi abbużat mit-terroristi biex isegwu l-objettivi tagħhom. F'dan il-kuntest azzjoni Ewropea li tkun konċertata u kollettiva, fl-ispirtu ta' solidarjetà, hija indispensabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3. L-erba' pilastri ta' l-Istrateġija ta' l-UE għal Kontra t-Terroriżmu - prevenzjoni, protezzjoni, persegwiment, u rispons - jikkostitwixxu tweġiba komprensiva u proporzjonata għat-theddida internazzjonali tat-terroriżmu. L-Istrateġija teħtieġ ħidma fuq livelli nazzjonali, Ewropej u internazzjonali biex jitnaqqsu t-theddida mit-terroriżmu u l-vulnerabbiltà tagħna għal attakki. L-Istrateġija tistabbilixxi l-objettivi tagħna biex jiġu evitati rekluti ġodda għat-terroriżmu; biex jiġu protetti aħjar miri potenzjali; jiġu persegwiti u investigati *networks* eżistenti u mtejba l-kapaċità tagħna biex nirreaġixxu għal u namministraw il-konsegwenzi ta' attakki terroristiċi. Din l-Istrateġija tieħu l-aġenda ta' ħidma, stabbilita fil-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2004 wara l-bombi li saru f'Madrin, fil-fażi li jmiss.

4. Fl-erba' pilastri ta' l-Istrateġija ta' l-Unjoni karatteristika orizzontali hija r-rwol ta' l-Unjoni fid-dinja. Kif inhu mniżżel fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, permezz ta' l-azzjoni esterna tagħha l-Unjoni Ewropea tieħu r-responsabbiltà li tikkontribwixxi għas-sigurtà globali u tibni dinja aktar sikura. B'azzjoni li tieħu permezz ta' u flimkien man-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħrajn, l-UE ser taħdem għall-bini ta' konsensus internazzjonali u l-promozzjoni ta' standards internazzjonali għal kontra t-terroriżmu. L-UE ser tippromwovi sforzi fin-NU sabiex tiġi żviluppata strateġija globali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. Li l-ġlieda kontra t-terroriżmu tkompli tkun ta' prijorità għolja fid-djalogu ma' pajjiżi sħab ewlenin, inkluż l-Istati Uniti, ser ikun ukoll parti ċentrali ta' l-approċċ Ewropew.

5. Meta wieħed jikkunsidra li t-theddida terroristika internazzjonali attwali taffetwa u għandha għeruq f'ħafna partijiet tad-dinja lil hinn mill-UE, il-kooperazzjoni ma' u l-forniment ta' assistenza lil pajjiżi terzi ta' prijorità - inklużi fl-Afrika tat-Tramuntana, il-Lvant Nofsani u l-Asja tax-Xlokk - ser ikun vitali. Finalment, il-ħidma għar-risolviment ta' konflitti u l-promozzjoni ta' governanza tajba u demokrazija ser ikunu elementi essenzjali ta' l-Istrateġija, bħala parti mid-djalogu u allejanza bejn kulturi, twemmin u ċivilizzazzjonijiet, sabiex jiġu indirizzati l-fatturi motivazzjonali u strutturali li jsejsu r-radikalizzazzjoni.

**PREVENZJONI**

6. Sabiex jiġi evitat li n-nies jirrikorru għat-terroriżmu u biex il-ġenerazzjoni li jmiss ta' terroristi titwaqqaf milli tiżviluppa, l-UE qablet ma' strateġija komprensiva u pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ fit-terroriżmu. Din l-istrateġija tiffoka fuq li jiġu megħluba r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ fi gruppi terroristi bħal Al Qaeda u l-gruppi spirati minnha, ladarba dan it-tip ta' terroriżmu attwalment jirrappreżenta t-theddida prinċipali għall-Unjoni in ġenerali.

7. It-terroriżmu qatt ma jista' jiġi ġġustifikat. Ma jista' jkun hemm l-ebda skuża jew impunità għal atti terroristiċi. Il-maġġoranza vasta ta' l-Ewropej, irrispettivament mit-twemmin, ma jaċċettawx ideoloġiji estremisti. Anke fost in-numru żgħir li jaċċettawhom, numru żgħir biss jagħżlu t-terroriżmu. Id-deċiżjoni li wieħed jinvolvi ruħu fit-terroriżmu tvarja minn individwu għal ieħor, anke jekk il-motivi wara tali deċiżjoni jkunu spiss simili. Jeħtieġ li nidentifikaw u nopponu l-metodi, il-propoganda u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom in-nies jinġibdu lejn it-terroriżmu.

8. L-isfida tal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ tat-terroristi hija primarjament għall-Istati Membri, fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Madankollu, il-ħidma ta' l-UE f'dan il-qasam, inkluż il-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea, tista' tipprovdi qafas importanti biex tgħin fil-koordinament ta' linji ta' politika nazzjonali; il-qsim ta' informazzjoni u t-tfassil ta' prattika tajba. Iżda l-indirizzar ta' din l-isfida jmur lil hinn mis-setgħa tal-gvernijiet biss u ser teħtieġ l-impenn sħiħ tal-popolazzjonijiet kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha.

9. Hemm passi prattiċi li individwu jrid jieħu biex jiġi involut fit-terroriżmu. Il-kapaċità li l-ideat jissarrfu f'azzjoni kibret ħafna bil-globalizzazzjoni; il-faċilità ta' l-ivjaġġar, tat-trasferiment tal-flus u l-komunikazzjoni - inkluż permezz ta' l-*internet* - tfisser aċċess aktar faċli għal ideat radikali u għal taħriġ. Jeħtieġ li tali aġir nidentifikawh per eżempju permezz ta' pulizjar u monitoraġġ Komunitarju ta' vjaġġar lejn żoni ta' konflitt. Jeħtieġ ukoll li nisfrattaw tali aġir: billi nillimitaw l-attivitajiet ta' dawk li għandhom rwol fir-radikalizzazzjoni; nipprevienu l- aċċess għal taħriġ terroristiku; nistabbilixxu qafas legali sod għall-prevenzjoni ta' tixwix u reklutaġġ; u billi neżaminaw modi li jimpedixxu r-reklutaġġ ta' terroristi permezz ta' l-*internet*.

10. Il-propagazzjoni ta' filosofija estremista partikolari twassal biex individwi jikkunsidraw u jiġġustitifikaw il-vjolenza. Fil-kuntest tal-mewġa l-aktar riċenti ta' terroriżmu, per eżempju, il-qalba tal-kwistjoni hija l-propoganda li tippreżenta b'mod mgħawweġ il-konflitti madwar id-dinja bħala prova mistħajla ta' nkwiet bejn il-Punent u l-Iżlam. Biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati, jeħtieġ niżguraw li l-vuċijiet ta' l-opinjoni prinċipali jegħlbu lil dawk ta' l-estremiżmu billi ninvolvu s-soċjetà ċivili u l-gruppi ta' fidi li jirrifjutaw l-ideat promovati mit-terroristi u l-estremisti li jinċitaw il-vjolenza. U jeħtieġ li l-messaġġ tagħna jiġi trasmess b'mod aktar effettiv, biex tinbidel il-perċezzjoni tal-linji ta' politika nazzjonali u Ewropej. Jeħtieġ li niżguraw ukoll li l-linji ta' politika tagħna stess ma jipprovokawx id-diviżjoni. L-iżvilupp ta' lessiku mhux emottiv għad-diskussjoni ta' dawn il-kwistjonijiet ser jappoġġa dan.

11. Hemm firxa ta' kondizzjonijiet fis-soċjetà li jistgħu joħolqu ambjent li fih individwi jistgħu jsiru radikalizzati aktar faċilment. Dawn il-kondizzjonijiet jinkludu governanza fqira jew awtokratika; modernizzar mgħaġġel iżda mhux maniġġat; nuqqas ta' prospetti politiċi jew ekonomiċi u ta' opportunitajiet edukattivi. Fi ħdan l-Unjoni dawn il-fatturi m'humiex preżenti ġeneralment iżda jistgħu jkunu f'taqsimiet individwali tal-popolazzjoni. Biex nikkumbattu dan, barra l-Unjoni, jeħtieġ nippromwovu b'mod anke aktar vigoruż governanaza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija kif ukoll l-edukazzjoni u l-prosperità ekonomika u ninvolvu ruħna f'riżoluzzjoni ta' konflitti. Irridu wkoll nimmiraw l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fejn dawn jeżistu u nippromwovu d-djalogu inter-kulturali u l-integrazzjoni fit-tul fejn meħtieġ.

12. Ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ huma fenomenu internazzjonali. Hemm ħafna x'jista' jsir mas-sħab tagħna barranin biex nassistuhom fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni inkluż permezz ta' kooperazzjoni u programmi ta' assistenza ma' pajjiżi terzi u ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

13. Prijoritajiet ewlenin għall-'Prevenzjoni' huma:
    - L-iżvilupp ta' approċċi komuni biex jiġi identifikat u ttrattat aġir problematiku, b'mod partikolari l-użu ħażin ta' l-*internet*.
    - L-indirizzar ta' tixwix u reklutaġġ b'mod partikolari f'ambjenti kruċjali, per eżempju fil-ħabsijiet, fil-postijiet ta' taħriġ jew adorazzjoni reliġjuża, partikolarment permezz ta' l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni li tagħmel dan l-aġir reat;
    - L-iżvilupp ta' strateġija tal-medja u l-komunikazzjoni biex jiġu spjegati aħjar il-linji ta' politika ta' l-UE;
    - Il-promozzjoni ta' governanza tajba, tad-demokrazija, l-edukazzjoni u l-prosperità ekonomika permezz ta' programmi ta' assistenza Komunitarji u ta' l-Istati Membri.
    - L-iżvilupp ta' djalogu inter-kulturali fl-Unjoni u barra l-Unjoni;
    - L-iżvilupp ta' lessiku mhux emottiv għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet;
    - Il-kontinwazzjoni ta' riċerka, il-qsim ta' analiżi u esperjenzi sabiex inkabbru l-fehim tagħna tal-kwistjonijiet u niżviluppaw rispons ta' politika.

**PROTEZZJONI**

14. Il-protezzjoni hija parti ewlenija ta' l-Istrateġija tagħna għal Kontra t-Terroriżmu. Jeħtieġ li nsaħħu d-difiżi ta' miri ewlenin, billi nnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom għal attakki, u wkoll billi nnaqqsu l-impatt li jirriżulta minn attakk.

15. Filwaqt li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għat-titjib tal-protezzjoni ta' miri ewlenin, l-interdipendenza tas-sigurtà tal-fruntiera, it-trasport u infrastrutturi transkonfini oħra jeħtieġu azzjoni kollettiva ta' l-UE li tkun effettiva. F'żoni fejn jeżistu reġimi tas-sigurtà fuq livell ta' l-UE, bħas-sigurtà tal-fruntiera u t-trasport, l-UE u l-Kummissoni Ewropea b'mod partikolari kellhom rwol importanti biex jgħollu l-istandards. Ħidma ulterjuri bejn l-Istati Membri, bl-appoġġ ta' l-istituzzjonijiet Ewropej, ser tipprovdi qafas importanti li fih l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkoordinaw il-linji ta' politika tagħhom, jaqsmu informazzjoni dwar risponsi li jkunu ġew żviluppati fuq livell nazzjonali, jiddeterminaw prattika tajba, u jaħdmu flimkien għall-iżvilupp ta' ideat ġodda.

16. Jeħtieġ li ntejbu l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tagħna biex nagħmluha aktar diffiċli għat-terroristi magħrufa jew suspettati li jidħlu u joperaw fi ħdan l-UE. It-titjib fit-teknoloġija kemm għall-ksib kif ukoll għall-iskambju ta' *data* dwar il-passiġġier, u l-inklużjoni ta' informazzjoni bijometrika fid-dokumenti ta' l-identità u ta' l-ivjaġġar, ser ikabbru l-effikaċja tal-kontrolli tagħna tal-fruntieri u jipprovdu aktar assigurazzjoni għaċ-ċittadini tagħna. L-Aġenzija Ewropea tal-Fruntieri (Frontex) ser ikollha rwol li tipprovdi stima ta' riskju bħala parti mill-isforz biex insaħħu l-kontrolli u s-sorveljanza fil-fruntiera esterna ta' l-UE. L-Istabbiliment tas-Sistema ta' Informzzjoni dwar il-Viżi u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni jiżgura li l-awtoritajiet tagħna jkunu jistgħu jikkondividu u jaċċessaw l-informazzjoni u jekk ikun meħtieġ jiċħdu l-aċċess għaż-żona ta' Schengen.

17. Jeħtieġ ukoll li naħdmu kollettivament biex ngħollu l-istandards fis-sigurtà tat-trasport. Jeħtieġ li ntejbu l-protezzjoni ta' l-ajruporti, il-portijiet, u l-arranġamenti ta' sigurtà fl-inġenji ta' l-ajru sabiex niskoraġġixxu attakki terroristiċi u nindirizzaw il-vulnerabbiltajiet ta' operazzjonijiet tat-trasport domestiċi u ta' barra. Dawn il-miżuri ser jiġu żviluppati permezz ta' kumbinazzjoni ta' valutazzjonijiet speċifiċi tat- theddid u l-vulnerabbiltà, l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni miftiehma ta' l-UE dwar l-avjazzjoni u s-sigurtà marittima u l-ftehim ta' leġislazzjoni riveduta ta' l-UE dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Hemm ukoll kamp ta' applikazzjoni għal ħidma flimkien biex tiżdied is-sigurtà tat-triq u l-ferrovija. Bħala appoġġ f'dawn l-oqsma kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp

tal-politika ta' l-UE inkluż il-programmi R&D tal-Kummissjoni Ewropea għandhom ikomplu jinkludu riċerka relatata mas-sigurtà fil-kuntest tat-terroriżmu.

18. It-tnaqqis tal-vulnerabbiltà madwar l-Ewropa ta' infrastruttura kritika għal attakk fiżiku u elettroniku huwa essenzjali. Biex inkomplu ntejbu l-protezzjoni tagħna, qbilna li nistabbilixxu Programm ta' ħidma mmirat lejn it-titjib tal-protezzjoni ta' infrastruttura kritika madwar l-Ewropa. Aħna ser inkomplu naħdmu għal dan il-għan, billi niżviluppaw approċċ għal kontra l-perikli kollha li jirrikonoxxi t-theddida mit-terroriżmu bħala prijorità.

19. Jeħtieġ li niżguraw ukoll li l-ħidma kollettiva tagħna, u b'mod partikolari l-isforzi ta' riċerka ta' l-UE, tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-protezzjoni ta' postijiet iffullati u miri dgħajfa oħra mill-attakki.

20. Internazzjonalment, jeħtieġ li naħdmu ma' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali fuq is-sigurtà tat-trasport u n-non-proliferazzjoni ta' materjal tas-CBRN u armi żgħar/armamenti ħfief, kif ukoll nipprovdu assistenza teknika dwar is-sigurtà protettiva għal pajjiżi terzi ta' prijorità bħala parti mill-programmi tagħna aktar wiesgħa ta' assistenza teknika.

21. Prijoritajiet ewlenin għall-'Protezzjoni' huma:
   - Il-ksib ta' titjib fis-sigurtà ta' passaporti ta' l-UE permezz ta' l-introduzzjoni ta' informazzjoni bijometrika;
   - L-istabbiliment tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SISII);
   - L-iżvilupp ta' analiżi ta' riskju effettiva tal-fruntiera esterna ta' l-UE permezz ta' Frontex;
   - L-implimentazzjoni ta' standards komuni miftiehma dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, is-sigurtà marittima u tal-portijiet;
   - Il-ftehim ta' programm Ewropew għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika;
   - L-aħjar użu ta' l-attività ta' riċerka fuq livell ta' l-UE u l-Komunità.

**PERSEGWIMENT**

22. Aħna ser inkomplu nsaħħu u nimplimentaw l-impenni tagħna biex nisfrattaw attività terroristika u nsegwu lit-terroristi barra l-fruntieri. L-objettivi tagħna huma li nimpedixxu l-ippjanar tat-terroristi, nisfrattaw in-*networks* tagħhom u l-attivitajiet ta' rekruti fit-terroriżmu, naqtgħu l-iffinanzjar u l-aċċess tat-terroristi għal materjal ta' attakk, u nressquhom għall-ġustizzja, filwaqt li nkomplu nirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali.

23. Kif miftiehem fil-Programm ta' Aja, meta jippreservaw is-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri ser jiffokaw ukoll fuq is-sigurtà ta' l-Unjoni sħiħa. L-Unjoni ser tappoġġja l-isforzi ta' l-Istati Membri fl-isfrattar tat-terroristi billi tinkoraġġixxi l-iskambju ta' informazzjoni u tagħrif sigriet bejniethom, tipprovdi analiżi komuni tat-theddida, u ssaħħaħ kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi.

24. Fuq livell nazzjonali l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ ikollhom l-għodod meħtieġa biex jiġbru u janalizzaw tagħrif sigriet u jsegwu u jinvestigaw lit-terroristi, li jirrekjedi li l-Istati Membri jaġġornaw ir-rispons ta' politika tagħhom u d-disposizzjonijiet leġislattivi tagħhom fejn meħtieġ. F'dan ir-rigward l-għan komuni tagħna huwa li jsir segwitu tar-rakkomandazzjonijiet identifikati waqt il-proċess ta' l-UE ta' l-evalwazzjoni tal-pari, u jittieħed kont sħiħ tagħhom. L-Istati Membri jirrapurtaw lura dwar kif tejbu l-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom u l-makkinarju tagħhom fid-dawl ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

25. L-iżvilupp ta' fehim komuni tat-theddida huwa fundamentali għall-iżvilupp ta' linji ta' politika komuni biex iwieġbu għalihom. L-valutazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Sitwazzjonijiet Konġunti, ibbażati fuq il-kontribut ta' sigurtà nazzjonali u aġenżiji ta' tagħrif sigriet u Europol, għandhom ikomplu jinfurmaw id-deċiżjonijiet tul il-firxa ta' linji ta' politika ta' l-UE.

26. Strumenti bħall-Mandat Ewropew għall-Arrest qed juru li huma għodda importanti fil-persegwiment u l-investigazzjoni tat-terroristi lil hinn mill-fruntieri. Issa għandha tingħata prijorità lil miżuri aktar prattiċi sabiex il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji jitpoġġa fil-prattika. Miżura prinċipali hija l-Mandat Ewropew għall-Provi, li ser jagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jiksbu evidenza minn xi mkien ieħor fl-UE biex tgħinhom jikkundannaw lit-terroristi. L-Istati Membri għandhom ukoll itejbu aktar il-kooperazzjoni prattika u l-iskambju ta' informazzjoni bejn pulizija u awtoritajiet ġudizjarji, b'mod partikolari permezz ta' Europol u Eurojust. Barra minn hekk għandhom jiġu stabbiliti fejn ikun meħtieġ Gruppi ta' Investigazzjoni Konġunta għal investigazzjonijiet transkonfini. Il-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri leġislattivi ser tkun importanti u ser tinforma ħidma ulterjuri, u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma jimplimentaw miżuri Ewropej miftiehma kif ukoll jirratifikaw Trattati u Konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, biex jiżguraw rispons leġislattiv adatt għat-theddida.

27. Sabiex wieħed jiċċaqlaq minn kooperazzjoni tal-pulizija ad hoc għal waħda sistematika, pass importanti wieħed ser ikun li niżviluppaw u npoġġu fil-prattika l-prinċipju tad-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' l-IT bħas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen dwar il-ġenerazzjoni li jmiss, filwaqt li jissalvagwarda l-protezzjoni tad-*data*, għandu jipprovdi aċċess imtejjeb għal dawk l-awtoritajiet li huma reponsabbli għas-sigurtà interna u b'hekk iwessa' l-bażi ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom. Għandha tingħata kunsiderazzjoni wkoll lill-iżvilupp ta' approċċi komuni għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar terroristi potenzjali u dwar individwi ddeportati għal reati relatati mat-terroriżmu.

28. It-terroristi jridu jkunu mċaħħda wkoll mill-mezzi li bihom ifasslu l-attakki - kemm direttament (eż. armamenti u splussivi) kif ukoll indirettament (eż. dokumentazzjoni falza li tagħmel l-ivjaġġar u r-residenza bil-moħbi possibbli). L-abbiltà tagħhom li jikkomunikaw u jippjanaw bil-moħbi għandha tiġi impeduta b'miżuri bħaż-żamma ta' *data* tat-telekomunikazzjoni. Huma għandhom jiġu mċaħħda wkoll safejn ikun possibbli mill-opportunitajiet offruti mill-*Internet* biex jikkomunikaw u jxerrdu kompetenza teknika relatata mat-terroriżmu.

29. Il-ħolqien ta' ambjent ostili operattiv għat-terroristi jfisser ukoll it-trattament tal-finanzjament terroristiku. L-UE diġà stabbilit disposizzjonijiet għall-iffriżar ta' beni terroristiċi. Il-fażi li jmiss hi l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni madwar l-UE rigward *money laundering* u trasferimenti ta' flus kontanti, u l-ftehim ta' passi għall-impediment ta' trasferimenti ta' flus (wire) mit-terroristi. Barra minn hekk, it-trattar ta' l-użu ħażin tas-settur ta' mingħajr qligħ jibqa' prijorità. Irridu niżguraw ukoll li l-investigazzjoni finanzjarja tkun parti integrali ta' l-investigazzjonijiet kollha dwar it-terroriżmu. Dawn il-miżuri u oħrajn li jibnu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, jiffurmaw parti mill-istrateġija komprensiva ta' l-UE, strateġija għall-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroristi. Attwalment qed tiġi mwettqa reviżjoni tal-prestazzjoni ta' l-UE kontra l-iffinanzjar tat-terroristi sabiex ikun żgurat li l-approċċ tagħna jinżamm aġġornat.

30. Parti kbira mit-theddida terroristika għall-Ewropa toriġina barra l-UE. Għalhekk l-'Insegwiment' irid ikollu wkoll dimensjoni globali. L-UE ser taħdem biex tirrinforza l-konsensus internazzjonali permezz tan-Nazzjonijiet Uniti u korpi internazzjonali oħrajn u permezz ta' djalogu u ftehim (li jinkludu klawżoli ta' ġlieda kontra t-terroriżmu) ma' sħab ewlenin, u ser taħdem għal qbil ta' Konvenzjoni Komprensiva tan-NU kontra t-Terroriżmu. Ser tiġi pprovduta assistenza lill-pajjiżi ta' prijorità biex tgħinhom jintroduċu u jimplimentaw il-mekkaniżmi meħtieġa għall-isfrattar tat-terroriżmu, f'koordinazzjoni mal-ħidma ta' donaturi oħra.

31. Prijoritajiet ewlenin għall-'Persegwiment' huma:

- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-evalwazzjoni bejn il-pari ta' l-arranġamenti nazzjonali anti-terroristiċi;
- L-użu sħiħ ta' l-Europol u l-Eurojust biex tiġi faċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, u t-tkomplija ta' l-integrazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' theddid taċ-Ċentru ta' Sitwazzjonijiet Konġunti fit-tfassil ta' politika tas-CT;
- L-iżvilupp ulterjuri ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, inkluż l-adozzjoni tal-Mandat Ewropew għall-Provi;
- L-assigurazzjoni ta' implimentazzjoni sħiħa u valutazzjoni ta' leġislazzjoni eżistenti kif ukoll ir-ratifika ta' Trattati u Konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;

- L-iżvilupp tal-prinċipju tad-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi;
- Trattar ta' l-aċċess tat-terroristi għal armamenti u splussivi, li jvarjaw minn komponenti għal splussivi amatorjali sa materjal CBRN;
- L-ittrattar tal-finanzjament terroristiku, inkluż permezz ta' l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni miftiehma, ħidma għall-prevenzjoni ta' l-abbuż tas-settur ta' mingħajr qliegħ, u r-reviżjoni tal-prestazzjoni globali ta' l-UE f'dan il-qasam;
- L-għoti ta' assistenza teknika sabiex tissaħħaħ il-kapaċità ta' pajjiżi terzi ta' prijorità.

**RISPONS**

32. Ma nistgħux innaqqsu r-riskju ta' attakki terroristiċi għal null. Għandna nkunu kapaċi nittrattaw l-attakki meta jseħħu, filwaqt li nirrikonoxxu li l-attakki jista' jkollhom effett barra 'l fruntieri ta' l-UE. Ir-rispons għal inċident ser ikun spiss simili kemm jekk l-avveniment ikun naturali, teknoloġiku jew magħmul mill-bniedem, għaldaqstant is-sistemi ta' rispons stabbiliti għall-maniġġar tal-konsegwenzi ta' diżastri naturali jistgħu jiġu wżati wkoll biex itaffu l-effetti fuq iċ-ċittadini fil-fażi ta' wara attakk terroristiku. Ir-rispons tagħna għal kwalunkwe avveniment bħal dan għandu jagħmel użu sħiħ ta' l-istrutturi eżistenti, inkluż il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili, li l-UE żviluppat biex tirrispondi għal kriżijiet Ewropej u internazzjonali maġġuri oħra, u tkun koordinata ma' l-azzjoni ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħra involuti.

33. Fil-każ ta' inċident b'effetti transkonfini ser ikun jeħtieġ il-qsim rapidu ta' informazzjoni operazzjonali u ta' politika, il-koordinazzjoni tal-medja u l-appoġġ operazzjonali reċiproku, billi nieħdu mill-mezzi kollha disponibbli, inklużi riżorsi militari. L-abbilità ta' l-UE li tieħu azzjoni konsistenti u kollettiva ser tkun essenzjali wkoll għal rispons effettiva u effiċjenti. L-iżvilupp ta' arranġamenti ta' l-UE għall-koordinazzjoni ta' kriżi, bl-appoġġ ta' proċeduri operazzjonali meħtieġa, ser jgħin jassigura l-koerenza tar-rispons ta' l-UE għal attakki terroristiċi.

34. L-Istati Membri għandhom rwol prinċipali fil-proviżjoni ta' rispons ta' emerġenza għal inċident terroristiku fuq it-territorju tagħhom. Madankollu, tibqa' l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-UE b'mod kollettiv, bl-appoġġ ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej inkluż il-Kummissjoni, ikollha l-kapaċità li tirrispondi b'solidarjetà għal emerġenza estrema li tista' tegħleb ir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed, u tista' tikkostitwixxi riskju serju għall-Unjoni sħiħa. Huwa importanti li nanalizzaw u nirrevedu l-qafas attwali għal appoġġ reċiproku - il-Mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili biex niżguraw din il-salvagwardja.

35. L-iżvilupp ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-valutazzjoni tal-kapaċità - li jiffokaw fuq il-preparazzjoni ta' dawk l-avvenimenti li meqjusa bħala l-aktar probabbli li jseħħu, u li jkollhom l-akbar impatt- ser jagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom biex jirrispondu f'każ ta' emerġenza. Id-*database* komuni fl-UE li telenka r-riżorsi u l-beni li l-Istati Membri probabbli jistgħu jikkontribwixxu fit-trattament ta' tali avvenimenti fi Stati Membri oħrajn jew f'pajjiżi barranin tikkomplementa din il-ħidma.

36. Is-solidarjetà, l-assistenza u l-kumpens tal-vittmi tat-terroriżmu u l-familji tagħhom jikkostitwixxu parti integrali tar-rispons għat-terroriżmu fuq livell nazzjonali u Ewropew. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kumpens adatt ikun disponibbli għall-vittmi. Permezz tal-qsim ta' l-aħjar prattika dwar arranġamenti nazzjonali, u l-iżvilupp ta' kuntatt bejn assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-vittmi, il-Kummissjoni Ewropea ser tagħmilha possibbli għall-UE li tieħu passi biex ittejjeb l-appoġġ offrut lil dawk li jbatu l-aktar minn attakki terroristiċi.

37. Internazzjonalment, hemm il-ħtieġa li nipprovduta assistenza liċ-ċittadini ta' l-UE f'pajjiżi terzi u nipproteġu u nassistu il-beni militari u ċivili tagħna fuq operazzjonijiet ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżi. Għandna niżguraw ukoll li l-ħidma tagħna dwar rispons għad-diżastri tkun koordinata mill-qrib ma' ħidma relatata f'organizzazzjonijiet internazzjonali u b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti. Finalment, l-assistenza teknika pprovduta mill-UE għall-pajjiżi terzi ta' prijorità ser teħtieġ li sserraħ fuq assistenza tal-maniġġar tal-konsegwenzi ta' attakki terroristiċi.

38. Prijoritajiet ewlenin dwar 'Rispons' huma:

- Il-ftehim ta' Arranġamenti ta' l-UE dwar il-Koordinazzjoni ta' Kriżi u l-appoġġ għal proċeduri operazzjonali għalihom;
- Ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar il-Mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili;
- L-iżvilupp tal-valutazzjoni tar-riskju bħala għodda biex tinforma l-bini tal-kapaċitajiet biex jirrispondu għal attakk;
- It-titjib tal-koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali dwar il-maniġġar ta' rispons għal attakki terroristiċi u diżastri oħra;
- Il-qsim ta' l-aħjar prattika u l-iżvilupp ta' approċċi għall-proviżjoni ta' assistenza lill-vittmi tat-terroriżmu u l-familji tagħhom.

**RESPONSABBILTÀ DEMOKRATIKA**

39. Il-Kunsill Ewropew ser jirrevedi l-progress dwar l-Istrateġija darba kull sitt xhur.

40. Darba f'kull Presidenza, u qabel ir-reviżjoni tal-progress mill-Kunsill Ewropew, jiltaqa' Djalogu Politiku ta' Livell Għoli dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, li jġib flimkien lill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, u l-Parlament Ewropew, sabiex jippermetti lit-tliet Istituzzjonijiet jikkunsidraw il-progress flimkein u jippromwovu t-trasparenza u l-bilanċ fl-approċċ ta' l-UE.

41. Din l-Istrateġija ser tkun ikkomplimentata bi Pjan ta' Azzjoni dettaljat li jelenka l-miżuri rilevanti kollha taħt l-erba' linji ta' din l-istrateġija. Dan jagħmilha possibbli li l-progress dettaljat ikun monitorjat fuq bażi regolari mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, b'segwitu u aġġornamenti regolari mill-Koordinatur tal-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u l-Kummissjoni Ewropea.

--------------------